**A.L. 43 ta' l-1994**

## ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI TA' ARTIJIET (KAP. 296)

### Regoli ta' l-1994 dwar il-Preżentazzjoni ta' Pjanti għal skop ta' Reġistrazzjoni ta' Artijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 59 ta' l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet, il-Ministru tal-Ġustizzja għamel ir-regoli li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) Dawn ir-regoli jistgħu jissejħu Regoli ta' l-1994 dwar il-Preżentazzjoni ta' Pjanti għal skop ta' Reġistrazzjoni ta' Artijiet.

(2) Dawn ir-regoli għandhom jibdew iseħħu fit-2 ta' Mejju, 1994.

Preżentazzjoni ta' pjanti.

**2.** (1) Kull applikazzjoni li tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' l-Artijiet għandha tkun tinkludi ż-żewġ pjanti speċifikati hawn aktar 'il quddiem.

(2) Waħda mill-pjanti għandha tkun fuq skala 1:2,500 minimu li turi s-sit eżatt, u mhux sempliċement indikazzjoni tas-sit. Din il-pjanta għandu jkun fiha dan it-tagħrif:—

(a) Indikazzjoni tat-Tramuntana; u

(b) id-distanza mill-eqreb kantuniera jew indikatur ieħor fiss, bħal knisja jew torri.

Dik il-pjanta, li tiġi ppreżentata fuq karta ta' qies A4, għandha tittieħed minn fuq l-aħħar *survey sheets* ta' l-1987, u fejn ikun il-każ għandhom jiġu indikati l-i*Schemes*.

(3) Għandha tiġi ppreżentata pjanta dettaljata oħra li tkun turi x-xorta u l-estensjoni tad-drittijiet li jkollu min japplika. Dawk id-dettalji jridu jkunu eżatti u mhux sempliċement indikazzjonijiet u ma hemmx bżonn li jintwera t-tqassim intern (kmamar eċċ.), iżda *block plan* tkun biżżejjed. Din il-pjanta għandu jkollha dan it-tagħrif:—

(a) l-iskala li qed tintuża (għandu jkun hemm *scale bar* orizzontali u oħra vertikali fil-pjanta);

(b) il-qies tal-faċċata u l-fond, u f'każ ta' ħitan irregolari, il-qisien tagħhom ukoll;

(ċ) l-*area* totali, fejn ikun il-każ; u

(d) indikazzjoni tas-sular li fih tkun qiegħda l-proprjetà.

Dik il-pjanta għandha tkun fuq karta ta' qies A4 jew A3, u għandhom jintużaw dawn il-kuluri:—

(i) Aħmar — meta min japplika jkun is-sid.

(ii) Isfar — partijiet komuni.

(iii) Aħdar — partijiet soġġetti għal servitujiet u drittijiet ġenerali ta' terzi, bħal dritt ta' passaġġ.

(iv) Kannella — meta s-servitù jista' jiġi speċifikat, bħal meta jkun hemm dritt ta' passaġġ b'pożizzjoni partikolari.

(v) Ikħal — Drittijiet oħra mhux speċifikati hawn fuq:

Iżda għandha tingħata wkoll *legend* dwar il-kuluri użati.

(4) Il-pjanti msemmija fil-paragrafi (2) u (3) ta' din ir-regola għandhom jiġu ffirmati minn min japplika u jiġu ċertifikati minn perit fis-sens li huwa mmarka t-tagħrif kollu mogħti lilu.